**25 ta' Ottubru, 1958**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Saviour Gauci

**Servitù — Gabillotti — Vjolazzjoni ta' Proprjetà.**

*Fil-każ ta' gabillotti li jiddetjenu bċejjeċ ta' raba' tal-istess sid, ma jistghux minn dawk il-gabillotti jigu kostitwiti servitujiet veri u proprji, ghax huma mhumiex sidien tar-raba'. Eppure bejn dawk l-istess gabillotti jistghu jsiru arrangamenti ghas-servizz tajjeb tar-raba'; u dawn l-arrangamenti gew dejjem rikonoxxuti bhala vinkolanti mill-gurisprudenza lokali, u gew imsejhin b'nomenklatura diversa in bazi ghall-insenjamenti dottrinali, cjoè "modus vivendi", jew "diritti di obbligazione", jew servizzi, u anki servitù personali.*

*Ghalhekk il-gabillott li jostakola d-drittijiet derivanti lil gabillott iehor minn dawn is-servitù personali, jikkommetti vjolazzjoni ta' proprjetà ta' dak il-gabillott l-iehor; u dan avvolja r-raba' originarjament kien gie moghti lill-gabillotti b'ċens u dan iċ-ċens ikun ghalaq, jekk fil-fatt il-gabillott li jilmenta minn dik il-vjolazzjoni jkun baqa' jgawdi dawk id-drittijiet bil-kunsens tal-gabillott l-iehor, li ghalhekk ikun estenda bil-fatt tieghu iż-żmien, altrimenti limitat, imsemmi fil-kuntratt taċ-ċens.*

*Lanqas ma tiswa l-allegazzjoni li minn mindu ghalaq iċ-ċens il-padrun dirett ma jkunx ghadu rregola bejn dawk il-gabillotti t-titolu li bih huma kienu sejrin ikomplu jiddetjenu dak ir-raba'. Certament, regolament simili ikun ferm utili, biex jigu evitati kawżi li jqumu bejn dawn il-gabillotti fuq is-servizzi reċiproċi; liema servizzi jkunu jistghu jigu definittivament preċiżati f'dan ir-regolament. Cjò non ostanti, ghall-finijiet tal-validità tas-servitujiet personali msemmija, dan ma jaghmelx differenza; ghaliex l-istess il-gabillotti ma humiex sidien issa, kif ma kienux qabel.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli f'dawn il-granet, fl-Aħrax tal-Mellieħa, għamel vjolazzjoni tal-proprjetà ta' Anthony Gauci, billi bena' ħajt fil-mogħdija tal-istess Anthony Gauci;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-5 ta' Settembru 1958, li biha sabitu ħati u kkundannatu għall-ħlas ta' £2 ammenda;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Bħala fatt, ma hemmx dubju mill-provi li, dan l-aħħar, imputat bena' qiesu ħajt żgħir tas-sejjiegħ, fin-naħa tar-raba' tiegħu konfinanti mal-ħajt diviżorju fejn Antonio Gauci għandu xi kanali tal-ilma, u li b'dan l-ispeċi ta' ħajt ostruwixxa d-dħul minn apertura fil-ħajt, ossija qangħa, li kien jiġi pratikat minn dan Antonio Gauci biex jissorvelja l-andament tal-ilma jew il-kanali;

Iżda l-imputat akkampa d-difiża tal-"jure feci";

Issa, jirriżulta li dawn id-diversi appezzamenti, posseduti mill-imputat, minn Antonio Gauci, u minn gabillotti oħra, huma ċens tal-Gvern, jew almenu kienu sa ftit ilu, meta dan iċ-ċens għalaq. Hu risaput li f'każijiet simili, li fihom veri u proprji servitujiet ma jistgħux jiġu kostitwiti mill-gabillotti, għax ma humiex sidien tar-raba', eppure jsiru arranġamenti bejniethom għas-servizz tajjeb tar-raba'; liema arranġamenti ġew dejjem rikonoxxuti bħala vinkolanti mill-ġurisprudenza lokali, u ġew imsejħa b'nomenklaturi diversi in bażi għall-insenjamenti dottrinali, ċjoè "modus vivendi", ossija "diritti di obbligazione", ossija "servizzi", u anki "servitù personali";

Jidher pruvat li, bħala effett ta' ranġamenti simili, Antonio Gauci kellu d-dritt fuq imsemmi ta' sorveljanza

tal-kanali u tad-dħul fir-raba', detenut mill-imputat, għal dan l-iskop;

L-imputat ipproduċa d-dokument fol. 13 f'din is-sedi, biex juri li dak id-dritt ta' Antonio Gauci kien limitat saż-żmien meta jagħlaq iċ-ċens. Dan hu veru; *imma* jirriżulta wkoll li anki wara dak iż-żmien Antonio Gauci baqa' jgħaddi l-istess, u dan bil-kunsens tal-imputat, li għalhekk ġie estenda bil-fatt tiegħu *ż-żmien* altrimenti limitattiv imsemmi *fil-kuntratt*; *vwoldiri*, li baqa' *l-istess "modus vivendi"* ta' qabel. Dan jammettieh l-istess imputat;

Hu veru li minn mindu għalaq iċ-ċens il-Gvern għad ma rregolax bejn dawn il-gabillotti ta' dan it-territorju, imsejjaħ "tal-Aħrax tal-Madonna" fil-Mellieħa, it-titolu li bih sejrin ikomplu jiddetjenu dan ir-raba'; *ċertament* regolament simili jkun ferm utili biex jiġu evitati l-kawżi numerużi li qegħdin isiru bejn dawn il-gabillotti fuq is-servizzi reċiproċi, liema servizzi jkunu jistgħu jiġu definittivament *preċiżati f'dan ir-regolament. Cjò non ostanti*, għall-finijiet tal-validità tas-servitujiet personali fuq imsemmijin, dan ma jagħmelx differenza; għaliex l-istess huma ma humiex s'dien issa, kif ma kienux qabel;

Għalhekk l-appell ma jirnexxix u jibqa' miċħud, u s-sentenza appellata tiġi konfermata. L-imputat jista' jħallas l-ammenda lilu nflitta fi żmien sitt ijiem.